# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Marzu, 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 287/01GV**

**Anna Antignolo ghan-nom ta' C & H Bartoli Ltd**

**vs**

**Philip Degiorgio f'ismu stess u ghan-nom tas-Sliema Hotel**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-kumpanija attrici tinsab kreditrici tal-konvenut proprio et nomine fis-somma ta' elf seba' mija disgha u tletin lira Maltin u zewg centezmi (Lm1,739.02) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala prezz ta' microwave oven, putruni, pozati, tazzi, *ashtrays, toasters, crockery*, buqari u oggetti ohra li ghandhom x'jaqsmu ma restaurant, mibjugha u konsenjati lill-konvenut proprio et nomine skond li *statement* Dok. A u l-*invoices* hawn annessi markati Dok. 1 sa 14;

Premess illi nonostante diversi interpellazzjonijiet fosthom ittra legali tal-14 ta' Settembru, 2000 (Dok. B) il-konvenut baqa' ma hallasx l-imsemmija somma u anzi kien hareg *cheque* ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) fl-10 ta' Novembru, 2000 li pero' ma ssarrafx kif jidher mid-Dok. C hawn anness;

Premess illi l-kreditu tal-kumpanija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandu l-ebda difiza valida kontra t-talba tal-kumpanija attrici;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Taghti sentenza taghha u tilqa' t-talba tal-kumpanija attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza u dan kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine biex ihallas lill-kumpanija attrici l-imsemmija somma ta' elf seba' mija u disgha u tletin lira Maltin u zewg centezmi (Lm1,739.02) dovuta lilha ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali fuq imsemmija (Dok. B) u bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-19 ta' April, 2000, data tal-ahhar *invoice*.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenut proprio et nomine li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Rat in-nota tallum fejn is-socjeta' attrici rrinunzjat ghas-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, u zammet ferm il-kap tal-ispejjez;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba ghall-imghax u ghall-ispejjez tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici ghall-ispejjez u ghall-imghax, bl-ispejjez kontra l-konvenut f'ismu stess u ghan-nom tas-Sliema Hotel.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**